22001D0066

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 66/2001

tad-19 ta' Ġunju 2001

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 2/2001 tal-31 ta' Jannar 2001 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1960/2000 tal-15 ta' Settembru 2000 li jemenda l-Annessi Iu II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji f'affarijiet ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2391/2000 tas-27 ta' Ottubru 2000 li jemenda l-Annessi I, II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji f'affarijiet ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjudin fil-punt 14 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90) fil-Kapitolu XIII ta' l-Anness II għall-Ftehim:

"– **32000 R 1960**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1960/2000 tal-15 ta' Settembru 2000 (ĠU L 234, tas-16.9.2000, p. 5),

– **32000 R 2391**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2391/2000 tas-27 ta' Ottubru 2000 (ĠU L 276, tat-28.10.2000, p. 5)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nri 1960/2000 u 2391/2000 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-20 ta' Ġunju 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 66, tat-8.3.2001, p. 44.
([2]) ĠU L 234, tas-16.9.2000, p. 5.
([3]) ĠU L 276, tat-28.10.2000, p. 5.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND